**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tnejn, 6 ta' Ġunju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 436/2021**

***RAYMOND U EMMANUELA KONJUĠI BARBARA***

***VS.***

***ALEX MERCIECA***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha magħmula mill-atturi Raymond u Emmanuela miżżewġin Barbara sabiex huma: (i) jiksbu dikjarazzjoni li l-konvenut Alex Merċieca naqas milli jwettaq l-obbligi li huwa ntrabat bihom skont il-ftehim ta' appalt li daħal fih magħhom; (ii) sabiex huma jitħallsu l-penali skont l-istess ftehim; u kif ukoll (iii) sabiex Alex Merċieca jiġi ordnat iwettaq ix-xogħlijiet miftiehma;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**<u>5 ta' Mejju, 2021</u>**, l-atturi Ellul fissru li huma kienu daħlu fi ftehim ta' appalt ma' Alex Merċieca, fejn dan tal-aħħar obbliga ruħu li jwettaq xogħlijiet ta' bini u finituri fuq il-proprjetà, li huma ntrabtu li jixtru u li eventwalment xtraw mingħandu;

3. Huma spjegaw li skont il-ftehim hawn fuq imsemmi, dawn ix-xogħlijiet kellhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju, 2019, u fin-nuqqas Alex Merċieca kellu jħallashom €25 għal kull jum ta' dewmien, minn din il-ġurnata sakemm jitlestew ix-xogħlijiet kollha. Madankollu, fid-data tar-rikors maħluf dawn ix-xogħlijiet mhux talli ma kinux twettqu, iżda fil-fatt lanqas biss kienu għadhom bdew;

4. Huma jgħidu li huma sejħu lil Alex Merċieca sabiex iħallashom il-penali u jlesti x-xogħlijiet iżda minn dan Alex Merċieca baqa' ma għamel xejn. Għalhekk huma fetħu din il-kawża u talbu lill-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimat naqas milli jwettaq l-obbligi assunti minnu qua appaltatur u dan skont il-ftehim hawn fuq indikat;*
>
> *2. Tiddikjara li b'hekk l-intimat huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' penali li jrid jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *3. Tillikwida l-ammont dovut bħala penali mill-intimat;*
>
> *4. Tordna lill-intimat iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;*
>
> *5. Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jeżegwixxi l-appalt skont il-ftehim hawn fuq indikat.*
>
> *Bl-ispejjeż u l-imgħax skont il-liġi u l-intimat in subizzjoni.»*

5. B'digriet tagħha tas-**<u>7 ta' Mejju, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika tar-rikors maħluf lil Alex Merċieca, liema rikors ġie notifikat lilu skont il-proċedura misjuba fl-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għad li Alex Merċieca ngħata żmien ta' għoxrin jum minn meta jirċievi l-atti kollha tar-rikors maħluf sabiex huwa jressaq risposta maħlufa, huwa baqa' ma ppreżenta l-ebda tweġiba;

6. L-atturi Barbara ddikjaraw li kienu qegħdin jagħlqu l-provi tagħhom fis-seduta tal-**<u>25 ta' April, 2022</u>**;

7. Minkejja li fl-istess seduta tal-**<u>25 ta' April, 2022</u>**, il-qorti tat lil Alex Merċieca l-opportunità sal-20 ta' Mejju, 2022 biex jekk irid huwa jressaq is-sottomissjonijiet

mil-miktub tiegħu skont l-**artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa baqa' ma ppreżentax is-sottomissjonijiet tiegħu;

8. Fis-seduta tat-**3 ta' Ġunju, 2022**, l-avukat difensur tal-atturi Barbara ddikjara li l-atturi kienu qegħdin jistrieħu fuq l-atti tal-kawża. Għalhekk dakinhar il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza biex tingħata llum;

***Fatti***

9. Fl-**14 ta' Ġunju, 2018**, l-atturi Barbara daħlu f'konvenju ma' Alex Merċieca sabiex jixtru mingħandu spazju ta' arja. Fuq dan l-ispazju tal-arja kellu jiġi żviluppat appartament, li darba mibni kellu jiġi internament immarkat bin-numru 4. Dan l-appartament kellu jkun parti minn kumpless ta' bini, li Alex Merċieca kien mistenni li jtella' fuq art fejn dakinhar tal-konvenju kien hemm mibni l-mezzanin bin-numru 77, fi Triq l-Ursolini, il-Ħamrun. Il-konvenju kien suġġett għall-kundizzjoni li Alex Merċieca jixtri l-art li fuqha kellu jinbena l-appartament hawn fuq imsemmi, u f'każ li dan ma jseħħx il-konvenju kellu jitlef l-effetti tiegħu (ara minn paġni 26 sa 30 tal-atti tal-kawża);

10. Fl-istess ġurnata l-atturi Barbara u l-konvenut Merċieca ffirmaw ftehim ieħor fejn il-konvenut Merċieca ġie mqabbad iwettaq xogħlijiet ta' bini u finituri fuq il-proprjetà li l-atturi Barbara kienu għadhom kif intrabtu li jixtru. Dawn ix-xogħlijiet kellhom isiru għall-prezz ta' €50,000 inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud u kellhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju, 2019. Ġie miftiehem ukoll f'dan l-appalt, li f'każ li x-xogħlijiet ma jitwettqux sa din il-ġurnata, Alex Merċieca kellu jħallas penali ta' €25 lill-atturi għal kull jum ta' dewmien bħala danni minħabba d-dewmien (ara minn paġna 4 sa paġna 6 tal-atti tal-kawża);

11. Fit-**30 ta' Novembru, 2018**, Alex Merċieca akkwista l-art li fuqha kellha tiġi mibnija l-proprjetà inkwistjoni permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-nutar Dorian Sciberras (ara paġna 39 tal-atti tal-kawża);

12. Imbagħad, permezz ta’ kuntratt ta’ xiri-u-bejgħ magħmul fl-atti tan-nutar Dorian Sciberras fid-**<u>19 ta’ Ġunju, 2019</u>**, l-atturi Barbara xtraw l-ispazju tal-arja fejn suppost kellu jinbena l-appartament tagħhom (ara minn paġna 34 sa 41 tal-atti tal-kawża);

13. Minn dakinhar ‘l hawn ix-xogħlijiet li Alex Merċieca kien intrabat li jwettaq baqgħu ma bdewx. L-atturi jgħidu li huma baqgħu jittamaw li jibdew ix-xogħlijiet sakemm fis-sena 2021 huma semgħu li Alex Merċieca kien falla u kellu ħafna nies jiġru warajh għall-flus (ara l-affidavit ta’ Emmanuela Barbara f’paġni 24 u 25 tal-atti tal-kawża). Itennu li huma kitbulu biex iwettaq ix-xogħlijiet iżda kien kollu ta’ xejn għaliex ix-xogħol baqa’ ma bediex (ara l-affidavit ta’ Raymond Barbara f’paġni 42 u 43 tal-atti tal-kawża). Għalhekk huma ma kellhomx triq oħra għajr li jiftħu din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

14. Din hija kawża fejn l-atturi Barbara qegħdin jippretendu li Alex Merċieca jħallashom il-penali minħabba d-dewmien tiegħu biex iwettaq ix-xogħlijiet li ntrabat li jagħmlilhom u kif ukoll li huwa jiġi ordnat minn din il-qorti li jlesti x-xogħlijiet skont il-ftehim tal-14 ta’ Ġunju, 2018 fi żmien qasir u li ma jiġġeddidx;

15. Bħala daħla tajjeb li jingħad li, «*il termine, anche quando non è essenziale per la natura del contratto, è pur sempre una delle condizioni più importanti nella formazione del vincolo contrattuale*» (ara ***Andrea Scicluna v. Giorgio J. Turnbull noe***", Appell Kummerċjali, 11 ta' Frar 1921);

16. Il-**Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta)** effettivament jagħraf bejn obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita f'ċertu żmien (**artikolu 1130(1)**) u obbligazzjoni li għall-esekuzzjoni tagħha ma jkun ġie miftiehem ebda terminu (**artikolu 1130(2)**);

17. Jissokta jistabbilixxi imbagħad l-**artikolu 1131 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** illi, «*id-debitur hu obbligat ukoll għal ħlas tad-danni jekk il-ħaġa li hu jkun intrabat li jagħti jew li jagħmel ma setgħetx tiġi mogħtija jew magħmula ħlief f'ċertu żmien, u hu jkun ħalla jgħaddi dak iż-żmien*»;

18. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li meta d-debitur ta' obbligazzjoni li jkun intrabat biha jibqa' ma jwettaqhiex, il-kreditur ta' dik l-obbligazzjoni jkollu l-jedd li jisħaq mad-debitur biex dan iwettaq dak li jkun intrabat li jagħmel (ara ***Carmelo Galea v Emmanuele Calleja***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Diċembru, 1952);

19. F'dan is-sens il-liġi tagħti lill-kreditur ta' obbligazzjoni l-għażla li jitlob jew it-twettiq tal-obbligazzjoni jew inkella l-ħlas ta' penali (ara l-**artikolu 1120(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Iżda, meta l-ħlas ta' penali jkun ġie miftiehem biss f'każ ta' dewmien biex titwettaq l-obbligazzjoni, huwa possibbli li dawn iż-żewġ talbiet isiru flimkien, hekk kif fil-fatt għażlu li jagħmlu f'din il-kawża l-atturi Barbara (ara l-artikolu **1120(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenzi ***Rosario Merola pro et noe v. Salvatore Caruso***, Appell Superjuri, 20 ta' Frar, 1935, ***Associated Supplies Limited v. John Buġeja et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Novembru, 2001, u ***Accountant General et v. Joseph Spiteri***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' April, 2003);

20. Illi bħala regola l-penali stipulata bejn il-partijiet kontraenti hija meqjusa bħala klawsola li tirrappreżenta d-danni preventivament likwidati minħabba nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni (ara **Negte**. ***Antonio Tabone noe v. Negte. Joseph Caruana***, Qorti tal-Kummerċ, per Imħallef Dr. W. Harding, 24 ta' Novembru 1950 u ***Geraldo Vella v. Avv. Dr. Joseph Fenech Adami et nomine***, Prim Awla, Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru, 1957);

21. Dwar it-talba għall-ħlas ta' penali għandu jingħad li l-ftehim li jaħseb għal ħlas bħal dan, minħabba n-nuqqas ta' twettiq f'waqtu ta' obbligazzjoni li tkun intrabtet biha waħda mill-partijiet, jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim prinċipali (ara l-**artikolu**

**1119(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**). Il-klawsola penali hija għamla ta’ danni prelikwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jġib prova li huwa ġarrab ħsara, għaliex huwa jista’ jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li jkun intrabat miegħu li jagħmel (ara x’qal il-ġurista **Torrente** fl-opra tiegħu ***Manuale di Diritto Privato***, f’paragrafu 300 u paġni 490 u 491, u l-**artikolu 1120(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**);

22. Tassew il-klawsola penali hija meqjusa bħala waħda punittiva minħabba li kif intqal fil-ġurisprudenza, «*essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazione convenzionale*» (ara ***Goffredo Chretien nomine et vs. John Ciancio***, Appell Kummerċjali tat-13 ta’ April, 1921), u «*għalhekk min jobbliga ruħu taħt penali li josserva l-obbligi minnu assunti hu obbligat iħallas dik il-penali jekk ma jipprovax hu illi kien hemm xi raġuni li teżentah minn dik il-penali*» (ara ***Nicola Callus et vs. Nicolina Farrugia***, Appell Ċivili, 5 ta’ Ġunju, 1959);

23. Issa fil-każ tagħna, Alex Merċieca għażel li ma jweġibx għat-talbiet li ressqu kontrih l-atturi Barbara u għalhekk, ladarba huwa waqa’ kontumaċi, il-qorti kellha l-opportunità li tisma’ biss qanpiena waħda, jiġifieri dak li kellhom xi jgħidu l-atturi Barbara;

24. Il-fatt waħdu li Alex Merċieca ma weriex interess fil-kawża miġjuba kontrih, u għażel li ma jweġibx, ma jfissirx li l-atturi ġew meħlusa mill-piż li jippruvaw il-każ tagħhom skont il-grad u l-qies li titlob minnhom il-liġi. Anzi, meta konvenut ikun waqa’ fi stat ta’ kontumaċja l-attur xorta waħda jibqagħlu l-piż li jressaq provi sodisfaċenti biex isejjes it-talbiet tiegħu. Tassew, il-fatt waħdu li Alex Merċieca għażel li ma jiddefendix ruħu f’din il-kawża ma jfissirx li huwa ammetta għat-talbiet imressqa mill-atturi (ara f’dan is-sens ***Charles Saliba v. Salvu Borg***, Appell Ċivili, tas-27 ta’ Ġunju, 1997);

25. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-kontumaċja għandha tiġi meqjusa bħala oppożizzjoni għat-talbiet magħmula fir-rikors maħluf fejn il-konvenut ikun ħalla

lillu nnifsu għall-ġudizzju tal-qorti. Għalhekk, f'każ bħal dan il-qorti jeħtiġilha tisħarreġ jekk it-talbiet tal-atturi humiex mistħoqqa billi tgħarbel bir-reqqa l-fatti li jkunu nġabu quddiemha sabiex tistabbilixxi l-verità, u dan indipendentement mill-istat ta' kontumaċja tal-kumpannija konvenuta (ara fost l-oħrajn ***Ruth Apap v. Noel Apap***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ġunju, 1995, ***Charles Saliba v. Salvu Borg***, Appell Superjuri, 27 ta' Ġunju, 1997, ***Gernod Schmid v. Cornelia Astrid Schmid***, Appell Superjuri, 24 ta' Ottubru, 2019, u ***George Busuttil et v. Anthony Vassallo et***, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2020);

26. Jiġi b'hekk, li f'dan il-każ l-atturi Barbara xorta kellhom l-obbligu li jneħħu l-piż tal-prova minn fuqhom u jmexxuh għal fuq Alex Merċieca. Il-grad ta' prova li l-atturi Barbara kellhom jilħqu, *«huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet»* (ara ***Vincent Borġ v. Teresa Borġ***, Appell Superjuri, tad-29 ta' Jannar 2016 u ***Concorde Developments Limited v. B. Grima and Sons Limited***, Appell Superjuri, tas-27 ta' Jannar, 2017);

27. Meqjus dan kollu, il-qorti tqis li l-atturi Barbara tabilħaqq irnexxielhom jilħqu l-grad ta' prova hawn fuq imsemmi. Dan għaliex huma ħadu ġurament li sal-ġurnata tal-lum Alex Merċieca għadu ma wettaq xejn mix-xogħlijiet li ntrabat li jagħmel u għalhekk huma rnexxielhom jegħlbu l-piż tal-prova li kellhom fuqhom biex isaħħu t-talbiet tagħhom;

28. Matul il-ġabra tal-provi ma kien hemm xejn li jnissel suspett fil-qorti li l-ftehim magħmul bejn il-partijiet fl-14 ta' Ġunju, 2018 kien kontra l-liġi jew kellu xi ħaġa li tagħmlu ma jiswiex. Lanqas ġie muri lill-qorti li Alex Merċieca kien nieda xi proċedura quddiem il-qrati biex jattakka dak il-ftehim. Għalhekk, safejn il-klawsola misjuba fit-tielet paragrafu mill-aħħar tal-ftehim tistabbilixxi l-ħlas tal-penali, din hija waħda li torbot lill-partijiet li resqu għall-ftehim fiċ-ċirkostanzi li hemm maħsuba fih (ara f'dan is-sens ***Charles Catania et v. Thomas Abela***, Appell Superjuri, 14 ta' Diċembru, 2018);

29. Il-klawsola inkwistjoni taqra kif ġej:

> *«Il-partijiet jiftiehmu illi bħala validità dan l-appalt għandu jimxi pari passu mal-Konvenju li l-Kumpratur għandu u x-xogħlijiet għandhom jitlestew sat-tletin ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (30.6.2019). F'każ li l-proprjetà ma tkunx lesta sa dan il-perjodu, għandhom jibdew jiddekorru penali ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) kuljum, u dan bħala danni miftiehma bejn il-partijiet għas-sempliċi dewmien.»*

30. Kif tgħid il-klawsola stess, il-penali f'dan il-każ ġiet miftiehma sewwasew għad-dewmien. Minn dan jitnissel skont il-vot tal-liġi u tal-ġurisprudenza, illi r-rikorrenti huma intitolati li jimponu l-penali minħabba li, «*secondo la legge quando l'obbligazione è di fare, e la convenzione stabilisce un termine, il debitore è costituito in mora colla sola scadenza del termine stipulato*» (**Kollez. Vol. XXI P II p 60**);

31. Hekk ukoll fejn il-klawsola penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dakinhar li tgħaddi d-data miftiehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dakinhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali tagħmel parti minnu (ara ***Charles Catania et v. Thomas Abela et***, Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru 2018, ***Rosemary Gonzi et v. Star Investments Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2018 u ***Emanuel Caruana et v. George Camenżuli et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru, 1998);

32. Dan ifisser li ladarba Alex Merċieca baqa' ma wettaqx ix-xogħlijiet, il-penali miftiehma fil-kuntratt tal-appalt bejn il-partijiet għandha tinħadem mill-għada li kellhom jitlestew ix-xogħlijiet, jiġifieri mill-1 ta' Lulju, 2019. Bejn din il-ġurnata u l-5 ta' Mejju, 2021, li kienet il-ġurnata li fiha ġie ppreżentat ir-rikors maħluf, għaddew 675 jum. Għalhekk, maħduma fuq 675 ġurnata, il-penali ta' €25 għal kull jum ta' dewmien twassal għat-total ta' €16,875;

33. Jifdal biss, li jiġi mistħarreġ jekk f'dan il-każ ikunx xieraq li jkun hemm tnaqqis mit-total ta' penali ta' €16,875. Il-liġi tagħti s-setgħa lill-qorti li tnaqqas jew ittaffi l-

penali f'żewġ każijiet biss, jiġifieri: (i) jekk id-debitur ikun wettaq parti mill-obbligazzjoni u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li tkun ġiet imwettqa; jew (ii) jekk id-debitur ikun wettaq parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti imwettqa tkun, fiċ-ċirkostanzi, swiet lill-kreditur. Iżda f'dan l-aħħar każ, il-qorti lanqas għandha l-imsemmija setgħa jekk kemm-il darba l-klawsola penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss (ara l-**artikolu 1122(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenzi ***Mario Galea et v. Renald Casha***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2001, ***Raymond Merċieca nomine v. Edward Pavia nomine*****,** Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2002 u ***Dottor Isabella Borġ v. M.P.J. Limited***, Appell Superjuri tas-6 ta' Ottubru, 2020);

34. Minkejja dan kollu, bis-saħħa tal-prinċipju misjub fl-**artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** illi l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti b'rieda tajba, il-qorti xorta jibqgħalha d-diskrezzjoni li ttaffi l-penali meta n-nuqqas tad-debitur tal-obbligazzjoni jkun wieħed relattivament żgħir u meta l-konsegwenzi maħluqa minħabba dak in-nuqqas ikunu pjuttost żgħar b'tali mod li jinħoloq sproporzjon mal-*quantum* tal-penali (ara *inter alia* ***Michael Paċe v. Richard Micallef nomine et***, Appell Superjuri tal-15 ta' Diċembru, 2004 u ***Mark Calleja Urry et v. Joseph Portelli et***, Appell Superjuri tal-25 ta' Frar, 2011). Fejn iżda, ma hemmx dawk iċ-ċirkostanzi għandu jgħodd il-prinċipju l-ieħor, xejn anqas validu, misjub fl-**artikolu 992 tal-Kap 16** illi *«Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom»* (ara f'dan is-sens ***Four X Limited v. Mediterranean Flower Products Limited et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Frar, 2021);

35. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, il-qorti tqis li Alex Merċieca ma wettaq xejn mix-xogħlijiet li dwarhom ġiet miftiehma l-klawsola penali u dan baqa' m'għamlux sal-lum. Għalhekk, meqjus li l-klawsola fil-ftehim tal-14 ta' Ġunju, 2018 saret speċifikament biex tindirizza d-dewmien, la hemm raġuni siewja u lanqas ma jeżistu ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għat-tnaqqis tal-ammont totali tal-penali;

36. Minbarra dan, il-qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex hija m'għandhiex tilqa' t-talba tal-atturi biex il-konvenut Alex Merċieca jiġi mġiegħel iwettaq ix-xogħlijiet li huwa ntrabat li jagħmel fil-ftehim tal-14 ta' Ġunju, 2018. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, it-talbiet kollha tal-atturi Barbara sejrin jiġu milqugħa;

37. Fl-aħħar nett, dwar l-imgħax mitlub mill-atturi Barbara, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Il-qorti tqis li l-ammont tal-penali ta' €25 għal kull jum ta' dewmien huwa wieħed likwidu għaliex dan joħroġ ċar mill-ftehim tal-14 ta' Ġunju, 2018 (ara ***Four X Limited v. Mediterranean Flower Products Limited et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Frar, 2021, li kienet kawża dwar obbligazzjoni kummerċjali). Barra minn hekk, f'dan il-każ il-qorti ma naqsitx jew ma taffietx il-penali skont l-**artikolu 1122(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda ħalliet il-penali fl-istess ammont kif determinat fil-kuntratt tal-appalt, b'dana għalhekk li din il-qorti ma daħlet fl-ebda eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' kemm jistħoqqlu jkun l-ammont tal-penali (ara b'kuntrast is-sentenza ***Saviour Coppini v. Mario Grima*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju. 2006, fejn l-imgħax ġie ddikjarat li għandu jitlaq mid-data tas-sentenza għaliex l-ammont ta' kemm għandha tkun il-penali ġie determinat biss fis-sentenza);

38. Darba għalhekk li fil-każ tagħna, l-ammont tal-penali baqa' kif kien fil-ftehim tal-appalt, tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Hawnhekk, il-qorti qiegħda tqis li l-obbligazzjoni bejn il-partijiet hija waħda ta' natura ċivili u mhux bħala waħda kummerċjali billi ma nġabux provi li l-partijiet huma xi negozjanti. Anzi skont il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ tad-19 ta' Ġunju, 2019 (ara paġna 34 tal-atti) hemm iddikjarat li l-konvenut Alex Merċieca huwa elettriċist, filwaqt li l-attur Raymond Barbara huwa impjegat fuq ir-rig taż-żejt u l-attriċi Emmanuela Barbara hija mara tad-dar;

39. Issa kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Iris Dalmas v. Ronnie German et***, deċiża fis-16 ta' Marzu, 2005:

> *«Għall-iskop tad-dekorriment ta' l-imgħax hu meħtieġ interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqiegħed in mora. Jiġifieri, «una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione» (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**)»*;

40. Fil-każ tagħna, ma jirriżultax li l-atturi Barbara sejħu lil Alex Merċieca b'att ġudizzjarju qabel ma huma fetħu din il-kawża biex jitħallsu dak dovut lilhom. Għalhekk, huwa r-rikors maħluf tagħhom li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

41. Mill-atti tal-kawża, jirriżulta li Alex Merċieca ġie notifikat bir-rikors maħluf fil-11 ta' Jannar, 2022 (jiġifieri fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data li fiha saret il-pubblikazzjoni tar-rikors maħluf skont l-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u għalhekk hija minn din id-data tat-tagħrifa li l-qorti tqis li għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet (ara *inter alia* ***Joseph Pisani et v. David Mamo et***, Appell Superjuri tas-27 ta' Settembru, 2019 u ***George Żammit et v. Alfred Żammit et***, Appell Superjuri tal-31 ta' Mejju, 2019);

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. <u>**Tilqa'**</u> l-ewwel talba tal-atturi Barbara u tiddikjara li l-konvenut Alex Merċieca naqas milli jwettaq l-obbligi li ntrabat bihom skont il-ftehim tal-appalt datat 14 ta' Ġunju, 2018;

ii. <u>**Tilqa'**</u> t-tieni, it-tielet u r-raba' talba u tordna lill-konvenut Alex Merċieca jħallas penali lill-atturi Barbara fl-ammont ta' €16,875 b'imgħax sempliċi bit-8% fis-sena fuq dan l-ammont, li jibda għaddej mill-11 ta' Jannar, 2022, bħala d-data tan-notifika tar-rikors maħluf (jiġifieri t-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data li fiha

saret il-pubblikazzjoni tar-rikors maħluf skont l-**artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**), sad-data tal-ħlas effettiv;

iii. **<u>Tilqa'</u>** l-ħames talba u tordna lill-konvenut Alex Merċieca jwettaq ix-xogħlijiet imsemmija fil-ftehim tal-appalt tal-14 ta' Ġunju, 2018 fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Alex Merċieca.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**